

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2016 li tiddikjara ċertu nfiq ineliġibbli għall-finijiet ta' sussidju għas-sena finanzjarja 2015.

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Mouvement pour une Europe des nations et des libertés għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk tal-Parlament Ewropew.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 22, 23.1.2017.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Diċembru 2018 – Falcon Technologies International vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-875/16) <sup>(1)</sup>

*(“Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Rapport ta' evalwazzjoni ta' organu mnotifikat fis-sens tal-leġiżlazzjoni fil-qasam ta' dikjarazzjoni ta' konformità KE ta' apparati mediċi — Rifjut ta' aċċess — Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali — Obbligu li jitwettaq eżami konkret u individwali — Interess pubbliku superjuri — Rifjut ta' aċċess parzjali”)*

(2019/C 44/34)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Falcon Technologies International LLC (Ras Al Khaimah, l-Emirati Għarab Magħquda) (rappreżentanti: R. Sciaudone u G. Arpea, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Baquero Cruz u D. Nardi, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 6722 final tal-14 ta' Ottubru 2016 li tirrifjuta li tagħti lir-rikorrenti aċċess għad-dokument DG (Saħħa) 2015-7552.

**Dispożittiv**

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 6722 final tal-14 ta' Ottubru 2016 hija annullata, sa fejn din tirrifjuta aċċess parzjali għad-dokument DG (Saħħa) 2015-7552.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Falcon Technologies International LLC u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 46, 13.2.2017.